32000L0021

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2000/21/KE
tal-25 ta' April 2000
li tikkonċerna l-lista ta' leġislazzjoni Komunitarja msemmija fil-ħames inċiż ta' l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mall-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u t-tikkettjar ta' sustanzi perikolużi [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 1999/33/KEE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 13(1) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 67/548/KEE teżenta ċerti sustanzi mid-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 7, 8, 14 u 15 ta' l-imsemmija Direttiva, li jirreferu għan-notifika. Aktar speċifikament, il-ħames inċiż ta' l-Artikolu 13(1) jeżenta sustanzi li huma għal użu esklużiv f'setturi oħra ta' prodott li għalihom jeżistu notifika tal-Komunità jew proċeduri ta' approvazzjoni u li għalihom il-ħtiġiet għas-sottomissjoni tad-data huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva 67/548/KEE. Għalhekk, il-Kummissjoni hija meħtieġa tistabbilixxi lista ta' dawk il-biċċiet ta' leġislazzjoni Komunitarja li jikkontjenu din in-notifika jew approvazzjoni ta' proċeduri. Il-lista għandha tiġi rieżaminata perjodikament u, kif neċessarju, riveduta.

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fis-suq [3], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/80/KE [4], tipprovdi għall-inklużjoni ta' sustanzi attivi fl-Anness I tagħha bħala prerekwiżit għall-awtorizzazzjoni tal-prodotti imsemmija qabel it-tqegħid tagħhom fis-suq. Id-Direttiva tal-Kummissjoni 93/90/KEE tad-29 ta' Ottubru 1993 li tikkonċerna l-lista ta' sustanzi msemmija fl-Artikolu 13(1) il-ħames inċiż tad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE [5] tkopri biss sustanzi attivi għall-inklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq. Sustanzi attivi li għandhom jiġu awtorizzati għal skopijiet oħra, inkluża r-riċerka u l-iżvilupp skond l-Artikolu 22 tad-Direttiva 91/414/KEE, għandhom ukoll ikunu koperti sabiex jikkonfinaw il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għal dawn is-sustanzi biss għall-għan tad-Direttiva 91/414/KEE.

(3) Sustanzi esklużivament użati bħala sustanzi attivi ta' prodotti bioċidali skond id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 li tikkonċerna it-tqegħid ta' prodotti bioċidali fis-suq [6], jaqgħu taħt il-ħames inċiż ta' l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 67/548/KEE u għandhom għalhekk jiġu eżentati, inkluż għall-iskop ta' riċerka u żvilupp, sabiex jiġu konfinati l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għal dawk is-sustanzi biss għall-iskop tad-Direttiva 98/8/KE.

(4) Id-Direttiva 93/90/KEE għandha titħassar.

(5) Id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Adattament għall-Progress Tekniku tad-Direttivi għall-Eliminazzjoni ta' Barrieri Tekniċi fil-Kummerċ ta' Sustanzi u Preparazzjonijiet Perikolużi,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Il-lista ta' leġislazzjoni Komunitarja li tikkonċerna is-setturi ta' prodotti li għalihom jeżistu notifika Komunitarja jew proċeduri ta' approvazzjoni, u li għalihom il-ħtiġiet għas-sottomissjoni ta' data għall-kategoriji ta' sustanzi identifikati fil-lista huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva 67/548/KEE, tinstab fl-Anness ma' din id-Direttiva.

Artikolu 2

Id-Direttiva 93/90/KEE hija hawnhekk imħassra.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw id-disposizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa l-1 ta' April 2001 u għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni bihom.

2. Meta l-Istati Membri jaddottaw dawn id-disposizzjonijiet, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

[1] ĠU C 196, tas-16.8.1967, p. 1.
[2] ĠU L 199, tat-30.7.1999, p. 57.
[3] ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.
[4] ĠU L 210, ta' l-10.8.1999, p. 13.
[5] ĠU L 277, ta' l-10.11.1993, p. 33.
[6] ĠU L 123, ta' l-24.4.1998, p. 1.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussel, fil-25 ta' April 2000.

Għall-Kummissjoni

Margot WALLSTRÖM

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Leġislazzjoni Komunitarja li tikkonċerna setturi ta' prodott li għalihom jeżistu notifika Komunitarja jew proċeduri ta' approvazzjoni u li għalihom il-ħtiġiet għas-sottomissjoni ta' data għall-kategoriji ta' sustanzi identifikati huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Artikoli 7, 8, 14 u 15 tad-Direttiva 67/548/KEE

1. Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

2. Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni tas-16 ta' Frar 1998 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti bioċidali.

Għal sustanzi għal użu esklużiv bħala sustanzi attivi ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u/jew prodotti bioċidali.